# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sittax (16) ta' Novembru 2023**

**Rikors Numru 1155/2023 FDP**

Fl-atti tal-Mandat in Factum Nru 797/2023
fl-ismijiet

**Mario Gafa**
**(ID 513856M)**

**Vs**

**Noel Gafa**
**(ID 480981M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors bl-urġenza datat 10 ta' Ottubru 2023, li permezz tiegħu r-rikorrent Noel Gata, a tenur tal-Artikolu 281 tal-Kap 12, talab is-segwenti:

    1. *Illi permezz ta' digriet datat nhar is-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena 2023, fl-atti tal-Mandat in Factum bin-numru 797/23 din l-Onorabbli Qorti laqgħat it-talba għal-ħruġ ta' Mandat in Factum fil-konfront tal-esponenti u dan wara din l-Onorabbli Qorti iddikjarat illi l-istess esponenti ma kienx obda l-ordni mogħtija lilu mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet premess nhar is-sitta (6) ta' April tas-sena 2017, fejn din l-Onorabbli Qorti iddikjarat illi l-esponenti huwa debitur tal-imsemmi Mario Gafa għas-somma ta-disgħa u sittin elf, tmien mija u wieħed u tmenin euro u għaxar ċenteżmi (€ 69,881.10) bħala arretrati ta' kera għaż-żmien imsemmi, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mid-29 ta' Settembru, 2011, sal jum tal-ħlas effettiv;*

2. *Illi dan l-att eżekuttiv ossija mandat in factum huwa irregolari, irritu u kwantu tali null għad li l-istess mandat intalab għal raġunijiet li huma diversi minn dak li titlob il-liġi sabiex jinħareġ l-istess mandat;*

3. *Illi f'dan l-istadju jiġi rilevat illi l-Artikolu 385(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi il-mandat in factum għandu jinħareġ biss meta l-persuna in kwistjoni tkun naqset milli tagħmel il-fatt ordnat b'sentenza jew altrimenti sakemm il-Qorti jidhrilha li hu meħtieġ sabiex tiżgura l-eżekuzzjoni ta' dak il-fatt;*

4. *Illi għaldaqstant, mill-qari tal-Artikolu surriferit jirriżulta illi dan il-mandat jista' jinħareġ biss meta l-Qorti tkun ordnat lil xi ħadd jagħmel xi ħaġa ('obbligazione di fare') u mhux meta l-Qorti permezz tas-sentenza tagħha tordna li jingħata xi ħaġa ('obbligazione di dare'');*

5. *Illi in vista ta' dak premess, f'dan l-istadju huwa pertinenti li ssir referenza għall-ġurisprudenza nostrana li tispjega b'mod ċar f'liema istanzi huwa permess illi jintalab il-ħruġ tal-Mandat in Factum;*

   a. *Illi l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza fl-ismijiet* ***George Xuereb vs Dorothy mart George Xuereb*** *datata it-2 t'Ottubru 2001, saħqet illi "din l-proċedura attriċi odjerna ma tistax tirnexxi stante li dan il-mandat ma huwiex disponibbli għall-każ in kwistjoni, u dan peress li s-sentenza li kkundannat lill-konvenuta tikkonsisti f'ordni sabiex l-istess konvenuta tagħti lill-attur oġġetti determinati, u tali sentenza għalhekk tikkostitwixxi kundanna għall-att li tagħti u mhux att li tagħmel; fi kliem ieħor din id-deċiżjoni tikkonsisti f'obbligazione di dare u mhux di fare, u la darba l-istess artikolu japplika biss għall-ġudikati bl-obbligazzjoni di fare, dan il-mandat ma huwiex għalhekk disponibbli għall-attur". Din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu 2003;*

   b. *Illi in oltre ssir referenza wkoll għas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet* ***Emanuel Bartolo vs Victor Micallef*** *permezz tas-sentenza datata dsatax (19) ta' Mejju 2005 il-Qorti provdiet illi "Dan il-mandat ma jinħarigx, kif jinħarġu ħafna mill-mandati l-oħra, fuq responsabbilita' ta' min jitlob il-ħruġ tiegħu, iżda għandu jinħareġ mill-Qorti wara li tkun semgħet liż-żewġ naħat u wara deliberazzjoni in iscritto jew oralment fuq il-ħtieġa tal-mandat. Dan il-mandat iwassal għaċ-ċaħda mil-liberta' tal-individwu, u m'għandux jiġi akkordat jekk mhux wara li jiġu eżaminati l-pożizzjoni taż-żewġ naħat involuti fil-materja. " Illi fl-istess sentenza l-Qorti żiedet tgħid "Illi l-Qorti mela trid*

*tassikura ruħha qabel ma tagħti l-ordni għal ħruġ ta' tali mandat li l-obbligazzjoni indikata fis-sentenza ma tkunx waħda ta' ħlas u lanqas sabiex tiġi mogħtija xi ħaġa determinata, iżda għandha tikkonsisti fil-kompjiment ta' att personali għall-istess debitur, u mhux biss iżda stante id-disposizzjoni tal-artikolu 385 (4) tal-Kap 12, irid jigi aċċertat ukoll li kif ingħad fis-sentenza "Fedele Dalli vs Victor Mallia" deċiża minn din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 1974 'jekk ġewx eżegwiti mezzi oħra ta' esekuzzjoni jekk dan ikun possibbli fiċ-ċirkostanzi'.*

*Din l-Onorabbli Qorti iddeċidiet illi "L-artikolu 385 fuq indikat għandu jagħmilha ċara li l-mandat in factum jista' jinħareġ f'każ li d-debitur "ma jagħmilx il-fatt ordnat". Jidher ċar li dan il-mandat jista 'jinħareġ biss f'każ ta' obbligazioni 'di fare' u mhux obbligazzjoni oħra. Fil-ktieb "Introduction to French Law " ta' Amos & Walton (3rd Edit. 1979) intqal (a pagna 138) li "An obligation is a legal bond between two persons in virtue of which one of them is bound, in favour of the other, to do a certain or to abstain from doing an act or to create a right over a thing are or transfer the ownership of a thing." Hemm kwindi differenza bejn obbligazzjoni li tagħti xi ħaġa, u obbligazzjoni li tagħmel xi ħaġa, u r-rikorrent f'dan il-kaz ġie ikkundannat jagħti xi ħaġa u mhux jagħmel xi ħaġa, u ż-żewġ obbligazzjonijiet huma konċeptwalment u ġuridikament differenti. Il-mandat in kwistjoni, għalhekk, ma kellux jiġi akkordat".*

c. *Illi in oltre, ssir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet* ***Vincenzo Farrugia Busuttil et vs Giovanni Magri*** *deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-18 ta' Novembru 1901 fejn ġie affermat: "Il mandato in factum non si puo ottenere in esecuzione di una sentenza, la quale condanna il debitore il pagamento di una somma di denaro, ma in esecuzione di una sentenza, la quale condanna il-debitore alle prestazione di un fatto."*

6. *Illi għandu jirriżulta b'mod inekwivoku kemm mill-att eżekuttiv innifsu u kif ukoll mill-kontenut ta' dan ir-rikors, illi s-sentenza li abbażi tagħha inħareġ l-istess att timponi 'obbligazione di dare' u mhux 'obbligazione di fare' u għalhekk jirriżulta illi l-element li trid il-liġi għal ħruġ ta' mandat ta' din ix-xorta, ossija 'obbligazione di fare' huwa nieqes. Għaldaqstant joħroġ biċ-ċar, skond id-duttrina lokali ta' żewġ sekli, illi ma tistax tintuża l-koerzjoni tal-ħabs sabiex iġġiegħel id-"debitur" jeżegwixxi obbligazzjoni li jħallas somma ta' flus;*

7. *Illi in vista ta' dan, il-mandat eżekuttiv li huwa oġġett u mertu tar-rikors odjern, huwa nieqes mill-partikolaritajiet li trid il-liġi skont kif jinsab provdut il-Artikolu 385 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

8. *Illi finalment jirriżulta wkoll illi l-Qorti naqset ukoll milli tisma' żżewġ naħat qabel ma tgħaddi għad-digriet u għaldaqstant hemm nuqqas ta' osservanza tal-proċedura stabbilita għal ħruġ tal-mandat in kwistjoni, liema proċedura hija waħda ta' ordni pubbliku;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex b'urġenza jogħġobha tħassar l-att eżekuttiv konsistenti fil-Mandat in Factum li jġib in-numru 797/2023, salv dawk id-dikjarazzjonijiet u provvedimenti illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.*

*B'riżerva għal azzjonijiet u miżuri ulterjuri spettanti lill-esponenti skont il-liġi.*

2. Rat illi fil-11 ta' Ottubru 2023, il-Qorti ordnat in-notifika ta' l-istess rikors lill-kontro parti bi tlett ijiem għar-risposta.

3. Rat illi fit-12 ta' Ottubru 2023, ir-rikorrent Noel Gafa reġa' ppreżenta rikors urġenti identiku għal dak ippreżentat fl-10 ta' Ottubru 2023, għajr għall-aħħar żewġ paragrafi, li ġew miżjuda, u t-talbiet, illi ġew mitluba, u dana kif ġej:

9. *Illi pertinenti jingħad illi l-esponenti ippreżenta rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ai termini tal-Artikolu 409A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' liema talab il-ħelsien immedjat mid-detenzjoni tiegħu, iżda dik l-Onorabbli Qorti ċaħdet it-talba għax dehrilha illi din il-Qorti biss għandha s-setgħa illi tħassar id-digriet tagħha u tillibera lill-esponenti mid-detenzjoni tiegħu.*

10. *Illi jeħtieġ illi dina il-Qorti tipprovdi duq dan ir-rikors b'urġenza anke b'direzzjonijiet u miżuri provviżorji pendenti kwalunkwe smiegħ u/jew risposta mill-kontro parti sabiex l-esponenti ma jibqax inkaċerat fil-ħabs intortament għaliex tali sitwazzjoni hija mhux biss inġustizzja mal-esponenti, iżda wkoll qiegħda serjament toħloq effetti serji fuq is-saħħa mentali tal-esponenti u l-familja tiegħu.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex b'urġenza jogħġobha:*

*(1) Tħassar l-att eżekuttiv konsistenti fil-Mandat in Factum li jgib in-numru 797/2023;*
*(2) F'każ illi l-Qorti jidhrilha illi għandha toħroġ dan ir-rikors għan-notifika, tipprovdi sabiex pendenti digriet finali fuq l-odjern rikors l-esponenti jiġi meħlus mid-detenzjoni jew inkarċerazzjoni tiegħu;*

*Salv dawk id-dikjarazzjonijiet u provvedimenti illi dina l-Onorabbli Qorti jidhirlha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.*

4. Rat illi fit-12 ta' Ottubru 2023 stess, din il-Qorti ordnat illi l-effetti tal-Mandat in Factum 797/2022 jiġu sospiżi sakemm ir-rikors tat-12 ta' Ottubru 2023 u dak tal-10 ta' Ottubru 2023 jiġu deċiżi, filwaqt illi appuntat iż-żewġ rikorsi għat-trattazzjoni finali għat-23 ta' Ottubru 2023 fis-14.00, fejn kellhom siegħa sabiex jittrattaw.

5. Rat illi fis-16 ta' Ottubru 2023, **Mario Gafa** irrisponda għar-rikorsi intavolati minn Noel Gafa, billi qal is-segwenti:

*Illi r-rikors odjern qiegħed jsir ai termini tal-Art 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi fil-provvediment tagħha tal-20 ta' Ġunju 2012 fl-Atti tar-Rikors ta' Rose Marie Holland wara l-Mandati ta' Qbid (Eżekuttivi) Numri 1817/11 MB u 1818/11 MB fl-ismijiet: Victor Fenech et vs Anthony Fountain et", din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk :-*

> *"... r-rimedju mogħti bl-imsemmi artikolu 287 huwa wieħed speċjali (kemm fir-rigward tal-proċedura mfassla u kif ukoll għas-sura ta' rimedju mogħti) maħsub li jġib it-tħassir tal-att eżekuttiv, kemm għal kollox jew inkella f'biċċa minnu, u dan "għar-raġuni valida skond il-liġi". Għalkemm ma tingħata l-ebda tifsira fil-Liġi dwar x'tista' tkun "raġuni valida" li twassal għall-għoti tar-rimedju mitlub, huwa meqjus li, għall-finijiet tal-artikolu 287, l-għan li għaliha ddaħħlet din id-disposizzjoni fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti interessata tista' ġġarrab preġudizzju, u dan billi jsir eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunu tħarsu u jkunu jidhru mill-att eżekuttiv innifsu, u li dak il-Mandat ma jkunx inħareg b'mod abbużiv (ara : P.A. GV : 79.11.2008 fl-atti tar-rikors fl-ismijiet 'Kummissarju VAT vs Mark Grima et noe et").*

*Minn naħa l-oħra, t-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' Mandat ma ssirx taħt l-artikolu 281 (ara : App. Ċiv. 5.2.2002 fil-kawża fl-ismijiet "Persiano et vs Persiano" (Kollez. VOI : LX XXVI.ii.257).*

*Illi l-prattika stabbilita, mbagħad, hi li min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' Mandat, irid jagħmel dan billi jmexxi bil-proċedura normali maħsuba fil-liġi. Illum il-ġurnata, din il-proċedura hija azzjoni li tinbeda b' Rikors Maħluf (ara .P.A. : AJM 5.3.2001 fil-kawża "Terranet Limited vs Linknet Limited et" u : P.A. GC :12.2.2010 fil-kawza fl-ismijiet "Car Care Products Ltd vs John Bugeja et" (li ma aċċettatx li l-art 281 jista' jintuża biex wieħed jattakka l-eżekuzzjoni tal-Mandat) u P.A. AE : 2.8.2011.*

*<u>Madanakollu, li l-proċedura tal-artikolu 281 ma tistax tgħin biex persuna tattakka l-eżekuzzjoni u mhux is-siwi tal-mandat innifsu</u>. Din il-fehma, minbarra dak li ssemma qabel, toħroġ ukoll mill-fatt li r-rimedju mogħti mil-ligi għal min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' att eżekuttiv (Art 276 tal-Kap 12) jiġifieri bi proċedura kontenzjuża "normali", kien jeżisti sa minn*

*qabel ma ddaħħal fil-Kodiċi r-rimedju speċjali li llum jinstab fl-artikolu 281 (qabel kien imsejjaħ l-art. 283A).*

*Illi l-iskop wara l-proċediment skont l-Art 281 tal-Kap 12 baqa' l-istess kif kien meta d-disposizzjoni viġenti kienet l-Art 283A qabel ma d-disposizzjoni kienet sostitwita bl-Art 281. Infatti fil-provvediment tagħha tal-5 ta' Mejju 2005 fl-Atti tar-Rikors Nru 287/2005 wara l-Mandat ta' Sekwestru Nru 392/05 fl-ismijiet Edward Pavia vs Michael Sultana et din il-Qorti diversament ippresjeduta esprimiet ruħha bil-mod li ġej dwar il-portata tal-Art 283A :-App. Ċiv. 386/18*

> *Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-għan li għaliha ddaħħlet din id-dispożizzjoni fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu għad-dħul tal-imsemmi artikolu fil-Kodiċi, ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ (Ara, per eżempju, App. Ċiv. 1.12.2000 fil-kawża fl-ismijiet Briffa vs Stones Properties Ltd. noe (Kollez. Vol: LXXXIV.ii.1401) u App. Ċiv. 25.5.2001 fil-kawża fl-ismijiet K.T.I. vs Serge (Kolleż. Vol: LXXXV.ii.414)*

*Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A kienu jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra.*

*Illi l-liġi ma tgħidx x' tista' tkun "raġuni valida skond il-liġi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in ġenerali, jista' jingħad li mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma.*

*Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontromandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawża preżenti m'huwiex Mandat kawtelatorju.*

*Illi l-Mandat - li huwa att eżekuttiv - inħareġ fuq il-bażi li t-titolu eżekuttiv għadu fis-seħħ. Il-Mandat iħares dak kollu li tipprovdi l-liġi għas-siwi tiegħu (Art 274 tal-Kap 12) u ċertament inħareġ minn Qorti kompetenti u kien kollazzjonat kif imiss mir-Reġistratur tal-Qrati. Illi għalhekk m'hemmx raġuni tajba biex l-istess Mandat jiġi attakkat.*

*Illi b'żieda ma' dan, fil-provvediment din il-Qorti tat-28 ta' Lulju 2011 (Rikors Nru 633/2011) fl-Atti tal-Mandat ta' Żgumbrament Nru. 118/11 fl-ismijiet HSBC Bank Malta PLC vs Doris Conchin, din il-Qorti diversament presjeduta rrimarkat:*

> *Din il-Qorti diġa' wriet f'deċiżjonijiet oħrajn li hija tat qabel din li hija tal-fehma li l-għan li għaliha ddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew*

> *nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra; Illi l-liġi ma tgħidx x'tista' tkun "raġuni valida skond il-liġi", li nsibu fl-imsemmi artikolu.*
>
> *Madankollu, in ġenerali, jista' jingħad li mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma . Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawża preżenti m'huwiex Mandat kawtelatorju;*
>
> *Illi l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel dwar it-talba mressqa quddiemha għandu jkun wieħed fil-parametri stretti tal-azzjoni kif proposta. Xogħol il-Qorti f'din il-proċedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet għaliex wara kollox, fi proċedura bħal din, ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv (bħal sentenza, taxxa ġudizzjarja jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni.*
>
> *Din il-Qorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun; Illi għalhekk din il-Qorti għandha toqgħod b'seba' għajnejn biex ma tħallix kwestjoni dwar Mandat maħruġ minn Qorti tinbidel fi kwestjoni ta' ftuħ mill-ġdid tal-mertu jew billi tħalli li jiddaħħlu fin-nofs kwestjonijiet oħrajn li jista' jkun hemm bejn il-partijiet involuti f'dak il-Mandat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li l-mottiv li jkun wassal lil xi ħadd biex jitlob il-ħruġ ta' Mandat m'għandux, bħala regola, ikun raġuni biex il-Qorti tistħarreġ is-siwi tiegħu. Dan jingħad aktar u aktar fejn il-Mandat ikun wieħed eżekuttiv, imsejjes fuq titolu li jkun eżegwibbli;*
>
> *Illi f'dan il-każ, ir-rikorrenti eżekutata tgħid li l-Mandat ma jgħoddx għaliex inħareġ qabel waqtu, u għalhekk m'huwiex skond il-liġi. Dan l-argument ma jolqotx is-siwi formali tal-att ġudizzjarju fih innifsu li bih intalab il-ħruġ tal-Mandat, iżda l-kwestjoni tat-tempestivita' tiegħu;*

*Illi għalhekk r-raġunijiet li tressqu mir-rikorrenti sabiex ikun hemm it-tħassir u/jew is-sospensjoni tal-Mandat ma jikkwalifikawx bħala raġuni valida għall-fini ta' l-Art 281 tal-Kap 12.*

*Il-preġudizzju li parti nteressata tallega li tkun ġarrbet għandu jirriżulta minn eżami formali tal-att li tiegħu jkun qiegħed jintalab it-tħassir. L-*

*istharriġ li l-qorti trid tagħmel mhuwiex fil-mertu. Li trid tara l-qorti huwa jekk ir-rekwiżiti rikjesti mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat kinux osservati.*

*Mandat eżekuttiv jista' jigi attakkat biss kemm-il darba jkun inħareġ minn qorti żbaljata jew difett fil-forma.*

*Illi huwa sottomess illi fil-ħruġ tal-Mandat de quo ma kien hemm xejn irregolari jew abbużiv.*

*Illi l-esponenti jżid jgħid illi lanqas m'għandu dan il-mandat jitħassar jew jiġi sospiż għaliex tkun ġiet preżentata xi kawża ġdida biex tattakkah. F'dan is-sens ssir referenza għal dak li ntqal fil-provvediment ta' din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta tal-25 ta' Novembru 2014 fl-Atti tal-Mandat ta' Żgumbrament Nru. 1666/2014 fl-ismijiet HSBC Bank Malta Plc vs Anthony Vassallo et. Fejn ingħad illi:*

> *il-preżentata ta' rikors ġuramentat fih innifsu mhux raġuni biex jitwaqqaf l-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv diment li ma jikkonkorrux l-elementi meħtieġa bl-Artikolu 287 altrimenti l-ebda titolu ma jkun jista' jsir finali. Ma jirriżultax li l-mandat inħareġ minn Qorti li mhix kompetenti u lanqas mhu allegat li l-Mandat fih innifsu kellu xi difett ta' forma. Il-fatt li għad ma hemmx l-approvazzjoni tat-tpaċija ma' jxejjinx it-titlu tal-Bank subbastant għar-raġunijiet ġja spjegati. Din ir-raġuni wkoll qed tiġi miċħuda". (enfażi miżjuda)"*

*Inoltre dan kollu ġie kkonfermat fl-istadju tal-appell fil-kawża fl-ismijiet Dr Robert Zammit vs Pierre Falzon fejn dik l-Onorabbli Qorti stabbiliet illi l-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati fir-rigward issa hija ċara u kostanti. Fis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Mejju 2005 fil-kawża Pace v. Sultana intqal li:*

> *Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-għan li għaliha ddaħħlet din id-dispożizzjoni fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu għad-dħul tal-imsemmi artikolu fil-Kodiċi, ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra;*
>
> *Illi l-liġi ma tgħidx x'tista' tkun "raġuni valida skond il-liġi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in ġenerali, jista' jingħad li mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma7 . Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawża preżenti m'huwiex Mandat kawtelatorju;*

*Għandu jiġi enfasizzat għalhekk, illi fi proċeduri bħal dawk odjerni, il-Qorti hija prekluża milli tqis il-mertu tal-kreditu eżistenti bejn il-partijiet (ara s-sentenzi miġbura fis-sentenza Zammit noe v. Ellis noe, 15 ta' Diċembru 2015). Kif elaborat il-Qorti fil-fuq ċitata sentenza Pace v. Sultana: "ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ." Is-setgħa tal-Qorti f'talba ta' din ix-xorta hija limitata għall-eżami pjuttost formali tal-mandat de quo b'dana illi l-istess qorti hija prekluża milli tmur oltre mid-dettami tal-formalitajiet imposti mill-Art 274 tal-Kap.12.*

*F 'sentenza oħra ta' din il-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Geomike Ltd v. Borg (29 ta' Mejju 2015) ġiet ċitata sentenza oħra tal-Prim' Awla fl-ismijiet A.A.S.K Enterprises Ltd v. MORE Supermarkets (Fgura) Ltd, deċiża fit-12 Frar 2015:*

> *Fil-każ tal-lum, din il-Qorti hija tal-fehma li fil-ħruġ tal-Mandat ma kien hemm xejn irregolari jew abbużiv. L-argument tar-rikorrenti li l-eżekuzzjoni tal-Mandat fuq ħwejjeġ li - skond ir-rikorrenti - qegħdin jagħmlu tajjeb għall-kreditu li tgħid li għandha kontra l-eżekutata u li - skond hi - jgawdu privileġġ aqwa minn dak tal-intimata ma għandu jkollu l-ebda effett fuq is-siwi tal-Mandat innifsu. Jekk ir-rikorrenti tassew jidhrilha li għandha jedd tattakka l-eżekuzzjoni tal-Mandat, din tal-lum mhijiex il-proċedura li kellha tittenta. Aċċertat illi kienu osservati r-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat, li jfisser li l-Mandat huwa regolari, ir-rikorrenti ma għandhiex il-jedd li sabiex tattakka l-eżekuzzjoni tal-Mandat, tipprova tgħid li l-Mandat ma jiswiex. Indipendentement minn kull kwistjoni ta` mertu, talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta` Mandat ma tistax ssir taħt l-Art 281 tal-Kap 12. Jekk ir-rikorrenti taħseb li għandha raġunijiet biżżejjed sabiex tattakka l-eżekuzzjoni tal-Mandat, ir-rimedju tagħha mhuwiex il-proċediment speċjali skond l-Art 281 tal-Kap 12 iżda l-proċedura ordinarja bil-preżentata ta` rikors ġuramentat fejn tagħmel il-każ tagħha u ġġib ir-raġunijiet kollha li għamlet fil-proċediment tal-lum – u li kienu opposti fil-mertu tagħhom mill-intimata.*
>
> *"Din hi l-pożizzjoni korretta, kif ġie ribadit fis-sentenzi fost oħrajn, deċiżi mill-istess Qorti fil-kawżi Tolio v. Komarzynic deċiża fit-28 ta' Mejju 1999, Bay Street Holdings Ltd v. Zammit Cachia, deċiża fis-7 ta' April 2009, Joseph Said Ltd v. Agius deċiża fit-18 ta' Gunju 2014 u Vassallo v. HSBC Bank Malta PLC, deċiża fl-4 ta' Ottubru 2011.*
>
> *"Min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' mandat irid jagħmel dan billi jmexxi bil-proċedura normali maħsuba fil-ligi li tinbeda bir-rikors maħluf ai terminu tal-Artikolu 756 tal-imsemmi Kap. 12. "*

*Illi huwa umilment sottomess illi minn dan kollu, l-konklużjoni li għandha tasal għaliha l-qorti hi li l-mandat in kwistjoni la għandu difetti fil-forma tiegħu u li l-ħruġ tiegħu sar korrettement. Kif għamluha ċara s-sentenzi*

*ċitati, il-qorti ma għandhiex lanqas tidħol fil-mertu tan-natura tar-raġunijiet li wasslu għall-ħruġ tal-mandat. Dawn is-sentenzi huma tant ċari fir-rigward, li jitkellmu waħedhom u kwindi l-Qorti ma għandhiex għalfejn tissofferma ulterjorment fuq it-talbiet tar-rikorrenti.*

*Għalhekk ladarba l-mandat ċertament inħareġ mill-qorti kompetenti u ma hemm ebda żball fil-mod kif ġie ordnat - u dawn kienu l-kwistjonijiet proċedurali li kellhom jiġu ikkonsidrati - it-talba tal-istess rikorrenti allura għandha tiġi miċħuda.*

*Illi inoltre, tajjeb li wieħed jiġbed l-attenzjoni għal fatt illi l-ilment li qed jagħmel ir-rikorrent f'dawn il-proċeduri huwa marbut mal-fatt illi skond skorta ta' każistika, dan il-mandat ma jistax jintuża għall-ordni ta' ħlas.*

*Tajjeb f'dan il-punt li wieħed jippuntwalizza illi l-formaliżmu li nsibu fil-każistika joriġina mill-fatt illi sal-1985 kien hemm mandat ta' arrest ta' persuna f'każ ta' dejn, u ċioe' l-art 357 et seq ta' kif kien jaqra l-Kap 12 kif rivedut fl-1 ta' Jannar 1984.*

*Huwa dan li jispjega għaliex fil-każisitka nsibu d-distinzjoni li ssir bejn l-obbligazione di dare u l-obbligazione di fare, u dan għaliex ladarba kien jeżisti mandat appożitu għall-obbligazione di dare, allura kien jkun kontrasens f'dak iż-żmien illi l-mandat in factum jintuża wkoll għal dawk l-obligazzjonijiet di dare.*

*Dan apparti mill fatt illi t-test tal-liġi ma jagħmilx din id-distinzjoni u nuqqas ta' ħlas jibqa' dejjem nuqqas ta' 'fatt ordnat bis-sentenza'. ubi lex non distinguit, nec nos distinguere debemus.*

*Illi huwa għalhekk illi din id-distinzjoni llum ma tibqax tagħmel sens għaliex x'sens jagħmel illi persuna tista' tiġi inkarċerata għax naqset milli tobdi ordni ta' qorti sabiex tagħmel xi ħaġa, imma ma tistax ukoll tiġi inkarċerata għaliex tkun naqset milli tagħmel xi ħaġa oħra, u ċioe' tħallas dak li ġie ordnat lilha b'sentenza. Jekk huwa disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti li debitur t'obbligazione di fare m'huwiex daqstant ieħor disprezz lejn l-istess Awtorita' tal-istess Qorti li tiġi injorata obbligazione di dare?*

*Illi tajjeb li jiġi rimarkat illi bħalma jidher mill-mandat innifsu, dan il-mandat mhux qed jsir kapriċċjożament. Permezz tal-mandat ta' sekwestru nqabdu biss porzjoni żgħira tal-ammonti dovuti, permezz tal-mandat ta' qbid inqabdet biss vettura li tiswa' € 2,000 u mir-riċerki tad-debitur ma jirriżulta li hemm l-ebda proprjeta' immobbli fuq liema tiġi eżegwita din is-sentenza.*

*Il-gran parti tas-sentenza li ordnat il-ħlas baqgħet ma tħallsitx u milli huwa evidenti, r-rikorrent qed jagħmel min kollox biex jinjora l-ordni tal-Qorti li ordnatlu biex iħallas.*

*Allura x'qed jippretendi r-rikorrent, li dil-Qorti bla snien? Illi sempliċement għaliex hu dehrlu li ma jinjora dak li ġie ordnat li jħallas b'sentenza, ikkonfermata mill-Appell, allura daqs li kieku xejn m'hu xejn?*

*Illi jekk id-debitur jħoss illi dan il-mandat jilledilu xi jeddijiet fundamentali tiegħu, hu kellu jieħu l-proċeduri kostituzzjonali appożiti. Proċeduri ai termini tal-Art 281 ċertament li ma jistgħu qatt iwasslu biex jiġi deċiż jekk mandat eżekuttiv hux qed jilledi xi jedd fundamentali li jippretendi li għandu d-debitur li qed jolqtu dak il-mandat.*

6. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit-23 ta' Ottubru 2023, wara liema data il-kawża ġiet differita għal digriet finali.

**Fatti**

7. Jirriżulta illi fis-17 ta' Mejju 2023, Mario Gafa kien ippreżenta rikors għall-ħruġ ta' "*Mandat in Factum wara s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili Nru 542/11JRM tas-6 ta' April 2017 u wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Rikors Nru 542/11/2 JRM tat-22 ta' Ġunju 2022*", fejn talab is-segwenti:

1. *Illi permezz tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 t'April, 2017 fl-ismijiet premessi (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. A), din l-Onorabbli Qorti sabet li:*

   *L-imħarrek għandu jħallas lill-attur missieru s-somma ta' disgħa u sittin elf, tmien mija u wieħed u tmenin Euro u għaxar ċenteżmi (€69,881.10) li tirrappreżenta s-sehem ta' nofs (1/2) tal-kera dovuta mill-imħarrek għaż-żmien bejn il-5 ta' Mejju, 2006, sal-5 ta' Ġunju, 2011, tal-istabbiliment f'numru 197 (gja 40), fi Triq Dun Gorg Preca, Marsa, mikri lill-istess imħarrek, filwaqt illi kkundannat lill-imħarrek iħallas lill-attur is-somma msemmija ta' disgha u sittin elf, tmien mija u wieħed u tmenin Euro u għaxar ċenteżmi (€69,881.10) bħala arretrati ta' kera għaż-żmien imsemmi, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mid-29 ta' Settembru, 2011, sal-jum tal-ħlas effettiv, u ordnat li l-imħarrek iħallas ukoll l-ispejjeż tal-kawża.*

2. *Illi in segwitu ta' din is-sentenza, l-intimat Noel Gafa ntavola appell mill-imsemmija sentenza u li permezz ta' sentenza mogħtija nhar it-22 ta' Ġunju, 2022 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. B), l-Onorabbli Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell tal-intimat u kkonfermat is-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-konvenut.*

3. *Illi għaldaqstant sa llum huma dovuti s-segwenti:*

   i. *Sorte - disgħa u sittin elf, tmien mija u wieħed u tmenin Euro u għaxar ċenteżmi (€69,881.10).*

   ii. *Imgħax b'effett mid-29 ta' Settembru 2011 sas-16 ta' Mejju 2023 li jammontaw għal mija u erbgħa u tletin elf, disa' mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€ 134,929.87).*

   iii. *Spejjeż Prim' Istanza - Tlett elef, erba' mija u disa' u sittin euro*

*u ħdax-il ċenteżmu (€ 3,469.11) u tlett mija u ħdax-il euro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€ 311.83) rappreżentanti VAT fuq l-istess (Taxxa hawn annessa u mmarkata bħala Dok B).*

4. *Illi għaldaqstant sallum is-somma li hija dovuta hija ta' mitejn u tmint' elef, ħames mija u wieħed u disgħin euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€208,591.91), b'imgħaxijiet ulterjuri riżervati.*

5. *Illi sal-lum il-ġurnata, l-intimat Noel Gafa ma ottemprax ruħu ma dak ordnat fil-preċitata sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.*

6. *Illi wara s-sentenza tal-Ewwel Qorti, l-esponent ippreżenta mandat ta' sekwestru li jġib in-numru 603/2017 FDP (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. C) kontra l-intimat, iżda l-ebda fondi ma nqabdu.*

7. *Illi sussegwentement, wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell, l-esponent preżenta wkoll mandat ta' qbid, b'numru ta' referenza 1396/2022 TA (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. D) permezz ta' liema nqabdet vettura reġistrata f'isem l-intimat, iżda l-valur tal-istess vettura bl-ebda mod ma jersaq viċin lejn l-ammont dovut mill-intimat.*

8. *Illi barra minn hekk, lanqas ma jidher illi l-intimat għandu xi propjetajiet reġistrati f'ismu li l-esponent jista' jeżegwixxi mandat ta' qbid fuqhom, u dan skont riċerki hawn annessi u mmarkati Dok. E.*

9. *Illi għalhekk, l-esponent ma fadallu l-ebda rimedju ieħor sabiex jottjeni l-eżekuzzjoni tal-preċitata sentenza ħlief b'talba għall-ħruġ tal-mandat odjern.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha in eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Rik. Nru. 542/2011 JRM), tordna l-ħruġ tal-mandat in factum kontra l-intimat Noel Gafa (K.I. 480981M), sabiex dan jinżamm il-ħabs, sakemm effettivament jaderixxi ruħu mal-preċitata sentenza, jew sakemm din l-Onorabbli Qorti jidrilha li hu meħtieġ sabiex tiżgura l-eżekuzzjoni tal-istess sentenza, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess soċjeta' intimata.*

*Salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti.*

8. Jirriżulta illi, permezz ta' digriet datat 17 ta' Mejju 2023, din il-Qorti, kif ippresjeduta, laqgħet it-talba, purche Mario Gafa jottepera ruħu ma' dak stabbilit fl-Artikolu 387 tal-Kap 12.

9. Jirriżulta illi fit-18 ta' Awissu 2023, Mario Gafa iddeposita b'ċedola ta' depożitu s-somma ta' €546.16 li jkopri għall-manteniment t'erbat ijiem sabiex jiġi eżegwit il-Mandat in Factum.

10. Jirriżulta illi fl-14 ta' Settembru 2023, inħarġet ordni lid-Direttur tal-Ħabs sabiex jinżamm fil-ġabs Noel Gafa.
11. Jirriżulta illi fl-10 ta' Ottubru 2023, ir-rikorrent odjern, Noel Gafa, ippreżenta r-rikors odjern, a tenur tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ippreżentat għal darba oħra wkoll fit-12 ta' Ottubru 2023, fejn talab it-tħassir tal-Mandat in Factum maħruġ fil-konfront tiegħu u dana prinċiplament abbażi ta' tlett argumenti:
    a. Mandat in Factum seta' jinħareġ biss meta Qorti tkun ordnat lil xi ħadd jagħmel xi ħaġa (obbligazione di fare) u mhux meta l-Qorti tordna li jingħata xi ħaġa (obbligazione di dare).
    b. Li l-Mandat eżekuttiv huwa nieqes mill-partikolaritajiet meħtieġa fl-Artikolu 385 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
    c. Li l-Qorti naqset milli tisma' ż-żewġ naħat qabel ma tgħaddi għad-digriet u għalhekk kien hemm nuqqas ta' osservanza tal-proċedura stabbilita għall-ħruġ ta' mandat.
12. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimat Mario Gafa, fir-risposta tiegħu ppreżentata fis-16 ta' Ottubru 2023, saħaq illi l-proċedura adottata mir-rikorrent abbażi tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 ma jistax jiġi utilizzat biex jattakka l-Mandat in Factum, kif qed jikkontendi r-rikorrent, peress illi Mandat jista' jiġi attakkat permezz tal-Artikolu 281 unikament jekk ikun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk hemm xi difett fil-forma tiegħu.

## Aspetti Legali

13. Jirriżulta illi l-azzjoni odjerna ġiet intavolata a tenur tal-**Artikolu 281** tal-Kap 12, illi jipprovdi dan li ġej:

> *(1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.*
>
> *(2) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-parti opposta li, fi żmien għaxart ijiem, għandha tippreżenta risposta li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-risposta li tista' tippreżenta:*
>
> *Iżda l-qorti tista', f'każijiet urġenti, tirriduċi l-perjodu msemmi f'dan is-subartikolu. Fin-nuqqas ta' din l-oppożizzjoni, il-qorti għandha tilqa' t-talba.*
>
> *(3) Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors wara s-smigħ tal-partijiet, u kull xiehda li jidhrilha xierqa, jekk taħseb hekk, u dan mhux iktar tard minn perjodu ta' xahar mill-jum tal-preżentata.*
>
> *(4) Appell minn digriet mogħti taħt is-subartikolu (3) jista' jsir b'rikors fi żmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-qorti bil-miftuħ. Il-Qorti tal-Appell għandha tappunta dan l-appell għas-smigħ fi żmien xahar minn meta*

*d-digriet jinqara' fil-qorti bil-miftuħ u dan għandu jiġi deċiż fi żmien tliet xhur mid-data tal-appuntament għas-smigħ.*

*(5) Il-garanzija msemmija fl-artikolu 249 ma tinħtieġx fil-każijiet imsemmija fis-subartikolu ta' qabel dan.*

14. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-Mandat illi qed jiġi attakkat mir-rikorrent huwa l-Mandat in Factum, li huwa regolat bl-Artikolu 385 sa 388 tal-Kap 12, liema Artikolu jenħtieġ illi jiġi hawn riprodott għall-faċilita' ta' referenza:

***Artikolu 385***

*(1) Fl-eżekuzzjoni tal-mandati in factum, l-uffiċjal eżekuttiv tal-qorti għandu jimxi bħal ma jkun ġie ordnat fil-mandat.*

*(2) Il-mandat għandu jkun fih l-ordni li l-eżekutat għandu jiġi meħud il-ħabs, sabiex hemm jinżamm bi spejjeż tiegħu nnifsu, sakemm ma jagħmilx il-fatt ordnat b'sentenza, jew sakemm il-qorti jidhrilha li hu meħtieġ sabiex tiżgura l-eżekuzzjoni ta' dak il-fatt.*

*(3) Il-mandat m'għandux jinħareġ ħlief b'ordni espressa tal-qorti mogħtija fuq talba magħmula b'rikors mill-kreditur.*

*(4) Il-qorti għandha biss toħroġ il-mandat jekk tkun sodisfatta li l-kreditur ma għandux mezz ieħor ta' eżekuzzjoni.*

***Artikolu 386***

*Il-mandat in factum, meta huwa hekk meħtieġ għall-esekuzzjoni tas-sentenza u meta jkun ġie ordnat espressament mill-qorti, jista' jiġi esegwit f'kull lok, minbarra milli fil-knejjes, u kontra kull persuna, minbarra kontra l-axxendenti tar-rikorrent u l-ministri ta' reliġjon waqt l-eżerċizzju tal-ministeru tagħhom.*

***Artikolu 387***

*(1) Ma jista' jiġi eżegwit ebda mandat in factum, qabel ma dak li jkun talab il-mandat jagħti f'idejn l-uffiċjal eżekuttiv tal-qorti somma li tiġi stabbilita mill-qorti, biex tingħata, bil-mezz tal-kalzrier, lill-persuna li kontriha jkun inħareġ il-mandat, għall-manteniment tagħha ta' erbat ijiem kompriż il-jum tal-arrest; u l-kalzrier ma għandux jirċievi lill-arrestat qabel ma jkun sar dan id-depożitu.*

*(2) Somma daqs dik ta' hawn fuq għandha tiġi mqegħda f'idejn il-kalzrier kull erbat ijiem bil-quddiem u mhux iżjed tard minn nofs in-nhar tal-aħħar ġurnata ta' kull perjodu ta' ġimgħa. Din is-somma għandha tiġi mogħtija lill-arrestat.*

*(3) L-uffiċjal eżekuttiv tal-qorti u l-kalzrier għandhom jagħtu irċevuta ta' dak id-depożitu.*

***Artikolu 388***

*(1) L-esekuzzjoni ta' mandat in factum tħalli sħiħ il-jedd tal-azzjoni għad-danni u l-imgħaxijiet ikkaġunati bin-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-fatt ordnat b'sentenza.*

*(2) Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi għal danni u mgħaxijiet jew għal skopijiet oħra, il-mandat in factum ma jistax jintalab sabiex waħda mill-partijiet miżżewġin flimkien tiġi mġiegħla tgħammar mal-oħra.*

15. Il-Qorti ħasset illi kellha tirriproduċi l-Liġi kif redatta, sabiex jiġi ċċarat id-diċitura tal-Liġi kif inhi, kemm in vista tal-argumentazzjoni mressqa mir-rikorrenti u mid-difiża kif ukoll in vista tad-digriet oriġinali maħruġ minn dina l-Qorti fis-17 ta' Mejju 2023.

**L-Artikolu 281**

16. Il-Qorti tħoss illi jkun opportun illi tqis, l-ewwel u qabel kollox, id-difiza mqajjma mill-intimat, ossija illi l-azzjoni kif redatta ma setgħetx tiġi kkunsidrata favorevolment minn dina l-Qorti, peress illi azzjoni ta' revoka taħt l-Artikolu 281 kienet waħda ristretta ħafna, intiża biss biex tħassar mandat jew jekk tkun saret quddiem Qorti żbaljata, jew inkella jekk hemm xi difett tal-forma.

17. L-abbli difensuri ta' l-intimat, fis-sottomissjonijiet tiegħu, in sostenn ta' tali argument, jagħmel referenza għal varji kawzi, fosthom il-kawza fl-ismijiet Edward Pavia vs Michael Sultana et App. Civ. 386/18, fejn il-Qorti kellha dan xi thid dwar azzjoni taħt l-Artikolu 281 tal-Kap 12:

    *Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-għan li għaliha ddaħħlet din id-dispożizzjoni fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu għad-dħul tal-imsemmi artikolu fil-Kodiċi, ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ (Ara, per eżempju, App. Ċiv. 1.12.2000 fil-kawża fl-ismijiet Briffa vs Stones Properties Ltd. noe (Kollez. Vol: LXXXIV.ii.1401) u App. Ċiv. 25.5.2001 fil-kawża fl-ismijiet K.T.I. vs Serge (Kolleż. Vol: LXXXV.ii.414)*

18. L-Avukat tar-rikorrent, fit-trattazzjoni tiegħu, ma kienx kapaċi jirribatti tali argument b'każistika. Madanakollu, il-Qorti tirrileva illi l-argumentazzjoni imressaq mill-intimat ġiet riċentament mibdula mill-istess Qorti tal-Appell f'sentenza riċenti fl-ismijiet '**Carmelo sive Charles Bianco vs Jamila Essail**', Appell Nru 921/2021, deċiż fil-25 ta' Jannar 2023, fejn, rinfaċċjata b'argumentazzjoni simili, l-Qorti tal-Appell kellha dan xi tgħid:

    *15. .... Il-Qorti rat li teżisti ġurisprudenza fis-sens li r-rimedju provdut fl-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa disponibbli biss fejn ikun il-mandat innifsu li jkun qed jiġi attakkat fuq raġuni ta' nullità tal-*

*mandat għaliex ikun inħareġ minn qorti żbaljata jew għaliex ikun afflitt minn xi difett ta' forma. Minn qari ta' din il-ġurisprudenza jidher li din il-linja ta' ħsieb hija bbażata fuq l-argument li mid-dibattiti parlamentari jidher li l-leġislatur ma kellux l-intenzjoni li jibdel dak li qabel kien l-Artikolu 238A li kien jipprovdi rimedju biex jiġi attakkat mandat eżekuttiv meta dan ikun null, u li l-intenzjoni kienet biss li dan ir-rimedju jkun disponibbli wkoll għal terz interessat. Wara li rat id-dibattiti parlamentari in kwistjoni din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-pożizzjoni. Huwa minnu li parti kbira mill-iskop ta' din l-emenda kien li terzi interessati jkollhom rimedju effikaċi u spedit meta jiġu milquta minn mandat eżekuttiv fuq il-proprjetà tagħhom. Il-Qorti tqis peró li bl-ebda mod ma jista' jingħad li dan kien l-unika skop tal-leġislatur, jew li minn qari ta' dawn id-dibattiti jirriżulta ċar li l-leġislatur ried li l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 281 tkun disponibbli biss f'każijiet fejn il-mandat ikun inħareġ mill-qorti żbaljata jew ikollu difett fil-forma. Fil-fatt l-eżempju li ngħata bħala spjegazzjoni tal-għan ta' din l-emenda juri li l-leġislatur ma kellux f'moħħu biss iż-żewġ raġunijiet imsemmija meta ddeċieda li jintroduċi dan ir-rimedju, kif jidher mis-segwenti silta:*

> *"ONOR. ANGLU FARRUGIA: Jiġifieri ħloqna proċedura biex ma ssirx kawża.*
>
> *ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI: (Ministru tal-Ġustizzja) Għandek raġun. Tajna rimedju iktar malajr u ma bagħtnihx għall-kawża. Għax f'kawża x'jiġri? Mela jien nagħmel il-kawża u l-marixxall qabad l-oġġett. Il-marixxall jiġi fid-dubju jekk jaqbdux jew le. Issa jekk il-marixxall jaqbad l-oġġett u tagħmel il-kawża u tiġi deċiża favur tiegħek, jeħilha d-debitur. Fil-qorti l-kreditur qatt ma jiġi akkollat l-ispejjeż, jiġi akkollat l-ispejjeż id-debitur, jiġifieri allura b'dan il-mod iffrankajna ħafna iktar u hawnhekk inti se tidħol għall-mekkaniżmu tat-tassazzjoni ta' rikors u mhux tassazzjoni ta' rikors ġuramentat." [sottolinear ta' din il-Qorti].*

*16. L-eżempju li ngħata fis-silta ċitata huwa ta' sitwazzjoni fejn ma jkunx hemm ċertezza jekk l-oġġett in kwistjoni għandux ikun suġġett għall-eżekuzzjoni tal-mandat in kwistjoni jew le. Din la hija kwistjoni ta' difett fil-forma tal-mandat u lanqas kwistjoni ta' mandat maħruġ minn Qorti żbaljata, iżda xorta waħda jidher li l-leġislatur ried li r-rimedju provdut mill-artikolu 281 ikun applikabbli għal tali sitwazzjoni, sabiex din tkun tista' tiġi rimedjata malajr u b'inqas spejjeż għad-debitur.*

19. Il-Qorti tosserva illi l-intenzjoni tal-leġislatur, meta introduċa l-azzjoni taħt l-Artikolu 281 tal-Kap 12 kien proprju biex jevita li jiġu ppreżentati kawżi inutilment u pprovda sabiex f'każ bħal dak illi għandha quddiemha din il-Qorti, l-kwistjoni tista' tiġi deċiża b'mod spedit u effiċjenti, fl-aħjar interess tal-ġustizzja.

20. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-azzjoni kif redatta mir-rikorrenti hija waħda korretta w għalhekk il-Qorti ser tissa tgħaddi biex tqis l-argumentazzjoni tar-rikorrent.

**L-Artikolu 385**

21. Ir-rikorrent jikkontendi illi l-Mandat in Factum qatt ma kellu jinħareġ minn dina l-Qorti stante illi, l-ewwel u qabel kollox, l-Qorti kellha tisma' liż-żewġ naħat qabel ma kkunsidrat definittivament it-talba, w, fit-tieni lok, li dana qatt ma kellu jinħareġ għax huwa intiż għal dak li jirrigwarda obbligazzjoni di fare u mhux, kif jikkontendi r-rikorrenti, obbligazzjoni di dare kif qiegħed jintalab jagħmel ir-rikorrent, ossija li jħallas lil Mario Gafa, missieru, dak lilu ordnat mill-Qorti.

**22. Il-Qorti hawnhekk, ma tistax ma tosservax illi d-diċitura tal-liġi, kif redatta mill-leġislatur u fuq riprodotta, ma tindika xejn minn dan imsemmi mir-rikorrent u allegat fil-konfront tal-operat tal-Qorti.**

23. Il-Qorti, tosserva illi r-rikorrent, in sostenn tal-argumentazzjoni tiegħu li l-Qorti kellha tisma' lill-partijiet kollha qabel ma tiddeċiedi r-rikors, jagħmel referenza estensiva għall-kawża **Xuereb vs Xuereb** deċiża fit-2 ta' Ottubru 2001.

24. Din il-Qorti tosserva, madanakollu, illi sas-sena 2002, azzjoni sabiex tinħareġ Mandat in Factum kellha ssir tramite <u>ċitazzjoni</u>, li allura kien jassikura illi l-Qorti kellha 'ex lege' tisma' lill-partijiet qabel ma tiddeċiedi, iżda, b'effett tal-Att XXXI tal-2002, l-leġislatur għażel li jbiddel it-tip ta' azzjoni illi kellha tittieħed, billi indika illi issa l-partijiet setgħu jagħmlu tali talba permezz ta' <u>rikors</u> u mkien ma l-legislatur semma' li l-Qorti kienet obbligata illi tisma' lill-partijiet qabel ma tagħmel dan. Għalhekk, tali obbligazzjoni ma toħroġ minn ebda liġi.

25. Il-Qorti, madanakollu, tosserva illi dana in-nuqqas tal-leġislatur ġie ravviżat mill-Qorti fil-kawża **Emanuel Bartolo vs Victor Micallef** deċiża fid-19 ta' Mejju 2005, fejn dwar tali nuqqas da' parte tal-leġislatur, kellha dan xi tgħid:

> *Illi sa ftit żmien ilu, it-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat kellha issir permezz ta' ċitazzjoni, u, f'kull każ, kellu jkun preċedut minn sentenza li tkun ikkundannat lill-konvenut sabiex jesegwixxi xi att, li jibqa' mhux esegwit, u l-Qorti trid tara li tali mandat huwa neċessarju sabiex tiġi esegwita s-sentenza. Bis-saħħa ta' l-emendi riċenti, t-talba tista' issir b'rikors, iżda, fil-fehma tal-Qorti, din il-bidla la biddlet ix-xorta u l-iskop tal-mandat, u lanqas ma neħħiet minn fuq il-Qorti l-obbligu li tisma' lill-partijiet u tara li dak il-mandat hu verament meħtieġ għall-eżekuzzjoni tas-sentenza. Dan il-mandat ma jinħariġx, kif jinħarġu ħafna mill-mandati l-oħra, fuq responsabbilita' ta' min jitlob il-ħruġ tiegħu, iżda għandu jinħareġ mill-Qorti wara li tkun semgħet liż-żewġ naħat u wara deliberazzjoni, in iscritto jew oralment, fuq il-ħtieġa tal-mandat. Dan il-mandat iwassal għaċ-ċaħda mil-liberta' tal-individwu, u m'għandux jiġi akkordat jekk mhux wara li jiġu eżaminati l-posizzjoni taż-żewġ naħat involuti fil-materja.*

26. Tali ħsieb ġie riasserit mill-Qorti tal-Appell fil-kawża **Richard Attard vs Adolph Baldacchino**, deċiża fit-23 ta' Novembru 2020, fejn il-Qorti kellha dan xi tgħid:

> *14. Fil-fehma tal-qorti bl-emenda li saret bl-Att XXXI tal-2002, it-tibdil tal-att ġudizzjarju minn 'ċitazzjoni' għal 'rikors' biss mhuwiex biżżejjed biex jikkonvinċiha li l-leġislatur ried jeskludi l-jedd ta' appell meta jintalab il-ħruġ ta' mandat in factum. Wara kollox iċ-ċitazzjoni ma baqgħetx parti mil-*

> *liġi tal-proċedura. Hu minnu li t-talba trid issir b'rikors u mhux b'rikors ġuramentat, madankollu dak il-fatt waħdu lanqas mhu biżżejjed sabiex jeskludi l-jedd tal-appell. Wara kollox wieħed irid jiftakar li jekk it-talba tintlaqa', id-debitur jispiċċa jitlef il-liberta tal-moviment. Dan apparti tal-fatt li qabel il-ħruġ ta' mandat in factum il-qorti għandha tilqa' t-talba biss "(4)..... jekk tkun sodisfatta li l-kreditur ma għandux mezz ieħor ta' eżekuzzjoni" (art. 385 tal-Kap.12). Għalhekk qabel tingħata d-deċiżjoni l-qorti għandha tagħmel indaġni, li ma ssirx fl-atti eżekuttivi l-oħra.*

27. Huwa ta' għajb illi l-leġislatur, tul dawk l-aħħar tmintax-il sena, qatt ma ħass il-ħtieġa illi jemenda l-leġislazzjoni sabiex jiċċara u jilleġisla d-drittijiet illi kellhom jikkreaw il-Qrati sabiex jissanaw, permezz ta' ġurisprudenza, sitwazzjoni kkreata minħabba nuqqas tal-leġislatur – u li wasslet għall-proċeduri odjerni wkoll.

28. Kien għalhekk illi dina l-Qorti appuntat ir-rikors odjern għas-smiegħ u trattazzjoni – proprju biex jiġi sanat dak illi l-leġislatur naqas milli jagħmel fl-Artikolu 385 tal-Kap 12, ossija illi jagħti dritt lill-partijiet li jittrattaw il-każ tagħhom.

29. Fil-każ odjern, jirriżulta ċar illi dak illi l-intimat qiegħed jitlob lir-rikorrent jagħmel huwa li jħallsu dak illi kien ġie lilu ordnat mill-Ewwel Qorti u kkonfermat mill-Qorti tal-Appell.

30. Jirriżulta illi, dak li qed jintalab iħallas illum jammonta għal €208,591.91 – li titfa' lir-rikorrent il-ħabs għal perjodu ta' erbat ijiem kull darba ċertament ma huwa qatt ser iwassal lill-intimat jieħu lura dak li jrid. U huwa proprju din ir-raġuni 'l għaliex il-Qrati għamlu distinzjoni bejn *obbligazzjoni di fare* u *obligazzjoni di dare*, peress illi li tarresta persuna biex jagħmel dak li kellu jagħmel hija aċċettabbli, filwaqt illi tarresta persuna sabiex iħallsek ta' dak minnu dovut, ma hijiex aċċettabbli.

31. Jidher ċar illi, bl-azzjoni adoperata mill-intimat Mario Gafa kontra ibnu r-rikorrent Noel Gafa, huwa bl-ebda mod ma qed jieħu l-pass in vista tal-fatt li r-rikorrent odjern naqas milli jagħmel xi azzjoni illi ġiet lilu ordnata illi jagħmel mill-Qorti, iżda qiegħed jieħu tali pass unikament għax ir-rikorrent naqas milli jħallsu dak lilu dovut u ordnat mill-Qorti – azzjoni illi ċertament ma tista' tiġi sanata b'ebda inkarċerazzjoni tar-rikorrent kif irid jagħmel missieru, l-intimat Mario Gafa.

32. Il-Qorti tifhem illi, tul it-trapass taż-żmien kollu tal-każ, ir-rikorrenti odjern, possibbilment anke bl-assistenza tal-konsulenti legali tiegħu kif ukoll terzi bħalma hija ommu Rita Gafa, għamel mezz sabiex jassikura illi ma jkollu ebda fondi u/jew assi f'ismu biex missieru jiġi mċaħħad li jiġbor dawk il-flejjes lilu dovuti.

33. Il-Qorti tifhem ukoll, madanakollu, illi l-ħruġ ta' Mandat in Factum sabiex iġġiegħel lir-rikorrent iħallas dak dovut lill-intimat Mario Gafa, ma huwiex il-mezz idoneju sabiex l-intimat jiġbor il-flejjes lilu dovuti, stante illi jeżistu mezzi oħra illi huwa jista' jadopera biex jiġbor mingħand Noel Gafa dak li huwa dovut.

34. Għaldaqstant, il-Qorti tasal għall-konklużjoni illi t-talba kif redatta fir-rikors tal-10 ta' Ottubru 2023 u kif ri-affermata fl-ewwel talba ta' l-istess rikorrent li għamel fit-12 ta' Ottubru 2023 għandha tiġi kkunsidrata favorevolment.

## Konklużjoni

**Il-Qorti**,

Wara illi rat ir-rikors ippreżentat fl-10 ta' Ottubru 2023;

Wara illi rat ir-risposta ta' l-intimat ippreżentata fis-16 ta' Ottubru 2023;

Wara illi semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit-23 ta' Ottubru 2023;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba tar-rikorrent u għalhekk:

**Tħassar il-Mandat in Factum Nru 797/2023 kif maħruġ fis-17 ta' Mejju 2023.**

In vista taċ-ċirkostanzi u fatti tal-każ, kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**